



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-26 ta' Settembru 2022

### Jeħtieġ li l-Istati Membri jintensifikaw il-ġlieda kontra s-sajd illegali

Is-sajd illegali, mhux irappurtat u mhux irregolat huwa waħda mill-akbar theddidiet għall-ekosistemi tal-baħar, u jdgħajjef l-isfori mwettqa biex is-sajd jiġi mmaniġġat b'mod sostenibbli. L-UE u l-Istati Membri tagħha daħħlu fis-seħħi miżuri biex iżommu s-sajd illegali taħt kontroll. Iżda minħabba l-mod mhux uniformi li bih jiġu applikati l-kontrolli u s-sanzjonijiet mill-Istati Membri, dawn il-miżuri mhumiex effettivi daqs kemm għandhom ikunu. Din hija l-konklużjoni ta' rapport speċjalisti li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea timmonitorja li l-Istati Membri jirrinforzaw is-sistemi ta' kontroll tagħhom għall-prevenzjoni tal-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd illegali, u tiżgura li dawn japplikaw sanzjonijiet dissważivi kontra s-sajd illegali kemm fl-ilmijiet tal-UE kif ukoll lil-hinn.

L-UE hija attur globali ewljeni fil-qasam tas-sajd, kemm f'termini tal-flotta tas-sajd tagħha (b'madwar 79 000 bastiment) kif ukoll bħala l-akbar importatur dinji ta' prodotti tas-sajd (34 % tal-kummerċ dinji totali). F'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-UE ħadet l-impenn li ttemm is-sajd illegali, mhux irappurtat u mhux irregolat sal-2020, iżda ma rnexxilhiex tilħaq din il-mira. Madankollu, l-iżgurar waħdu tal-legalità ta' prodott ma jiggarrantix li dan jiġi fornut b'mod sostenibbli.

*“L-UE għandha sistemi ta’ kontroll fis-seħħi biex tagħmilha aktar diffiċċi biex il-prodotti mistada illegalment jaslu għand il-konsumaturi,”* qalet Eva Lindström, il-Membra tal-QEA li mexxiet l-awditu. *“Iżda minkejja dawk il-miżuri, dawn il-prodotti għadhom jispiċċaw fuq il-platti taċ-ċittadini tal-UE. Raġuni ewlenja hija li l-kontrolli u s-sanzjonijiet jiġu applikati b'mod mhux uniformi mill-Istati Membri”.*

Fl-2008, l-UE stabbili skema ta’ ċertifikazzjoni tal-qabda biex tiggarantixxi l-legalità tal-prodotti tas-sajd importati. Skont l-awdituri, din l-iskema kienet tejbet it-träċċabbiltà u rrinforzat il-kontrolli tal-importazzjoni. Iżda l-Istati Membri japplikaw il-kontrolli b'mod mhux uniformi. L-iskema ta’ ċertifikazzjoni tal-qabda tal-UE hija bbażata fuq il-karti, u dan jinvolvi riskju akbar ta’ frodi; l-awdituri jgħidu li bażi ta’ *data elettronika unika* fil-livell tal-UE tkun aktar effettiva. Fil-fatt, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat sistema tal-IT għall-UE kollha biex tgħin sabiex tinqabda il-frodi u jiġu awtomatizzati l-kontrolli. Madankollu, l-ebda Stat Membru ma jużaha. Il-Kummissjoni pproponiet li l-użu ta’ din is-sistema tal-IT isir obbligatorju.

*L-iskop ta’ din l-istqarrija għall-Istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjalisti maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport shiħi huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

### ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Meta l-Kummissjoni u l-Kunsill iqisu li jkun hemm defiċjenzi fis-sistemi ta' kontroll fis-seħħ f'pajjiżi mhux tal-UE li jesportaw prodotti tas-sajd lejn l-UE, huma jistgħu jieħdu azzjoni billi joħorġu "karti sofor" u "karti ħomor". Meta pajjiż mhux tal-UE jirċievi karta ħamra, l-Istati Membri jridu jirrifjutaw l-importazzjonijiet kollha ta' prodotti tas-sajd mill-bastimenti ta' dak il-pajjiż. L-awdituri sabu li s-sistema tal-ħruġ ta' karti wriet li kienet utli biex tiskatta riforma pożittiva fil-biċċa l-kbira mill-pajjiżi li għalihom kienet tapplika.

L-Istati Membri huma responsabbi għall-kontroll tal-attività tas-sajd li titwettaq mill-flotot li jtajru l-bandiera tagħhom, u fl-ilmiċċiet tagħhom. L-awdituri sabu li l-kontrolli nazzjonali spiss qabdu każijiet ta' sajd illegali. Minkejja dan, is-sajd eċċessiv u s-sottorappurtar tal-qabdet jippersisti minħabba kontrolli dgħajfa f'xi Stati Membri. Ir-rappurtar ħażin tal-qabdet huwa l-aktar ksur komuni mill-flotta tal-UE, segwit mis-sajd f'żoni magħluqa jew mingħajr allokazzjoni tal-kwoti, u l-użu ta' rkaptu illegali. Skont l-awdituri, hemm biżżejjed evidenza li l-infurzar tal-obbligu ta' ħatt l-art huwa sfida u li l-qbid skartat illegali fil-baħar jippersisti. Huma sabu wkoll li l-proġetti ffinanzjati mill-UE li awditjaw kienu għenu biex jirrinforzaw is-sistema ta' kontroll tas-sajd.

Fir-rigward tas-sistema ta' sanzjonar, l-awdituri osservaw li l-maġġoranza l-kbira tal-ksur serju li nqabad wassal għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni li rriżultaw f'sanzjonijiet f'waqtom. Iżda l-awditu żvela n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fl-UE kollha. Pereżempju, l-awdituri osservaw li l-multa medja imposta għal ksur simili kienet tvarja minn madwar EUR 200 (Ċipru, il-Litwanja, u l-Estonja) għal aktar minn EUR 7 000 (Spanja). F'xi Stati Membri, is-sanzjonijiet ma kinux dissaważivi biżżejjed biex jiskoragħixxu s-sajd illegali, minħabba li ma kinux proporzjonati mal-benefiċċju ekonomiku miksub mill-ksur. L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni taħdem fuq l-applikazzjoni uniformi u effettiva ta' sistema ta' sanzjonar dissaważiva. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tas-sistema ta' punti ta' penalità fost l-Istati Membri għandha tiġi armonizzata.

Ir-Rapport Speċjali 20/2022: "*Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra s-sajd illegali: Hemm sistemi ta' kontroll fis-seħħ iżda huma mdgħajfa minħabba kontrolli u sanzjonijiet mhux uniformi applikati mill-Istati Membri*", huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeais: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224